**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 7 ta' Marzu 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 63/2010JVC**

**Anthony Camilleri f'ismu propju u bhala mandatarju generali ta' ohtu assenti minn dawn il-gzejjer Carmen Xuereb, John Camilleri, Agnes Camilleri f'isimha propju u f'isem binha assenti minn dawn il-gzejjer David Camilleri, Kevin Camilleri u Natalie mizzewga lil Manuel Hili, Michael Camilleri**

**Vs**

**Maria Camilleri mart Peter Paul Camilleri, l-istess Peter Paul Camilleri ghal kull interess li jista' jkollu, Lilian mart John Gatt u Mary Louise mart Raymond Muscat u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2011 il-Qorti awtorizzat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem il-konvenuti Marija Camilleri, Robert Camilleri, Mary Louise Muscat, Lilian Gatt, Stephen Camilleri u Denis Camilleri wara l-mewt ta' Peter Paul Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:-

1. Illi fil-21 t'April, 1997 mietet Ursula Camilleri armla ta' Paul Camilleri.

2. Illi l-konjugi Camilleri kienu ghamlu erba' testmenti 'unica carta' li jinsabu rispettivament fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 7 ta' Gunju,1975, fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 25 ta' Ottubru,1979, fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 12 ta' Settembru,1980 u fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 30 ta' Ottubru, 1981.

3. Illi permezz ta' dawn it-testmenti l-konjugi Camilleri istitwew bhala eredi universali taghhom lis-sitt itfal taghhom, jigifieri lil Anthony, John, Nazzareno u Michael ahwa Camilleri u lil Carmen Xuereb u wkoll lill-konvenuta Maria Camilleri oltre illi hallew ghadd ta' legati fosthom legat lill-istess konvenuta Maria Camilleri tal-art taht id-dar 'Chez Nous', Triq San Gwann, Nadur.

4. Illi wara li miet Paul Camilleri, Ursula Camilleri ghamlet tmien testmenti ohra li jinsabu fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 26 ta' Lulju, 1985, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 31 ta' Lulju,1985, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 12 ta' Novembru, 1985, fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 21 ta' Ottubru,1991, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 12 ta' Dicembru, 1991, fl-atti

tan-Nutar Michael Refalo datat 26 ta' Ottubru, 1993, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 2 ta' Settembru, 1994 u fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 19 ta' Dicembru,1994.

5. Illi fit-testmenti li gew maghmula minn Ursula Camilleri wara l-mewt ta' zewgha thallew, fost ohrajn, is-segwenti legati u prelegati: legat lill-konvenuta Lilian Gatt nee' Camilleri ta' terz indiviz mid-dar numru tlieta (3), Triq San Gwann, Nadur; prelegat lill-konvenuta Maria Camilleri ta' zewg bicciet art mill-art maghrufa bhala 'Ta Troppu' tal-kejl ta' mija u sebgha u tmenin(187) metri kwadri u sitta u hamsin (56) metri kwadri rispettivament; prelegat lill-istess konvenuta Maria Camilleri ta' bicca art ohra mill-art maghrufa bhala 'Ta' Troppu' tal-kejl ta' tmenin (80) metri kwadri u bicca raba' maghrufa bhala 'Ta' Dun Vincenz' tal-kejl ta' erba' mija u sitta u disghin (496) metri kawdri, prelegat lill-konvenuta Lilian Gatt nee' Camilleri tal-mandra tal-kejl ta' mitejn tnejn u sittin (262) metri kwadri li qieghda fuq in-naha ta' wara ta' 3, Triq San Gwann, in-Nadur; prelegat lill-konvenuta Maria Camilleri tal-beni immobbli kollha li Ursula Camilleri wirtet minn ohtha Paola xebba Vella u prelegat lill-konvenuti Mary Louise u Lilian ta' bicca raba' maghrufa bhala 'Taz-Zebbuga', Triq San Blas, in-Nadur.

6. Illi fit-23 ta' April, 1998 saret il-'causa mortis' ta' Ursula Camilleri fl-atti tan-Nutar Michael Refalo minn Maria Camilleri u minn uliedha Lilian u Marie Lourdes lkoll konvenuti f'dawn il-proceduri.

7. Illi permezz ta' noti prezentati fit-22 ta' Gunju, 2007 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja l-atturi Michael Camilleri, Agnese Camilleri ghan-nom taghha u ta' wliedha Nathalie Hili, David Camilleri u Kevin Camilleri, Anthony Camilleri u John Camilleri irrinunzjaw ghal-wirt ta' Ursula Camilleri u zammew ferm id-dritt ghal-legittima. L-istess ghamlet l-attrici Carmela Xuereb permezz ta' nota prezentata fit-23 ta' Jannar, 2007 minn binha Richard Xuereb.

8. Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-legittima ossija sehem rizervat spettanti lill-atturi mill-wirt ta' Ursola Camilleri l-esponenti baqghu inadempjenti.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida s-sehem rizervat spettanti lill-atturi rispettivament.
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-sehem rizervat hekk likwidat.
3. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv fid-data, hin u lok li jigu minn dina l-Onorabbli Qorti ffissati.
4. Tinnomina n-Nutar Pubbliku biex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li eccepew:

1. Preliminarjament, l-irritwalita' tar-rikors guramentat odjern peress illi l-atturi ma ddikjarawx fir-rigward ta' kull xhud iccitat minnhom x'fatti u xi prova bi hsiebhom jaghmlu bix-xhieda tieghu kif inhu rikjest mill-artiklu 156(4) tal-Kap.12.

2. Preliminarjament ukoll, ghandha tingieb il-prova illi l-atturi Anthony Camilleri u Agnes Camilleri huma l-mandatarji tal-mandati msemmija.

3. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' interess giuridiku tal-attrici Agnes Camilleri f'isimha proprja.

4. Preliminarjament ukoll, il-konvenut Peter Paul Camilleri m'ghandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-proceduri, m'huwiex legittimu kontradittur u ghaldaqstant, ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

5. Il-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-konvenuta Marija Camilleri fil-kwalita' taghha ta' eredi unika tad-de cuius Ursola Camilleri minhabba l-inkompatibilita' ta' l-istitut tal-legittima ossia tal-porzjon riservat mal-artiklu 37(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li giet integrata fil-ligi taghna permezz tal-Kap. 319 peress illi dak li qed jitolbu l-atturi jikkostitwixxi espropju privat u mhux fl-interess pubbliku da parti tal-atturi tal-propjeta' tad-de cuius minghajr ma l-anqas jinghata l-ebda kumpens.

6. Bla pregudizzju ghas-suespost, ir-res judicata stante illi t-talbiet attrici jippresoponu dikjarazzjoni illi s-sehem riservat tal-atturi gie lez bil-provvedimenti testamentarji tad-decuius, liema talba tal-konvenuti diga giet ivventilata fil-kawza fl-istess ismijiet (Citaz. Nru 135/1997) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009 u sussegwentement ikkancellata.

7. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici llum hija perenta bit-terminu stabbilit fl-artikli 647 u 845 tal-Kap.16 u dana kif stabbilit mis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Appell.

8. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-invalidita' tar-rinunzja ghall-wirt tad-decuius maghmula mill-atturi u dana kif mistqarr minnhom stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fit-13 ta' Novembru 2007 u fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2007 fil-kawza msemmija. Konsegwentement, it-talbiet odjerni m'humiex ammissibli.

9. Bla pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-konvenuti Lilian Gatt u Mary Louise Muscat li m'humiex werrieta tad-decuius, l-inammissibilita' tal-azzjoni attrici ai termini tal-artiklu 894 tal-Kap. 16 stante illi naqsu li jaghmlu l-inventarju mitlub mil-ligi.

10. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti, xhieda, processi annessi (92/1997 u 135/97) u provi kollha fl-atti;

Rat id-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell fl-atti tal-kawzi Anthony Camilleri pro et noe et vs. Lilian mart George Gatt et (Citazzjoni numru 92/1997 AE deciza mill-appell nhar id-19 ta' April, 2012) u Citazzjoni numru 135/97 AE Anthony Camilleri pro et noe et vs. Maria mart Peter Paul Camilleri et deciza mill-appell nhar it- 23 ta' Settembru, 2009.

Rat illi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni gew rinunzjati mill-konvenuti fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 2010 filwaqt illi l-ecezzjoni numru hamsa giet deciza b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' April, 2013 billi giet michuda fis-sens illi l-istitut tal-legittima ma jilledix id-drittijiet fundamentali tal-intimati;

Rat illi ai fini tat-tielet ecezzjoni in-nota tal-atturi a fol. 32 tal-process tiddikjara illi 'Anthony Camilleri u Agnes Camilleri huma l-mandatarji awtorizzati tal-persuni li jissemmew fir-rikors guramentat skont prokuri li kopja taghha qed tigi hawn annesssa u mmarkata Dok 'A' u 'B' rispettivament (fol. 33 sa 37) u li ' Agnes Camilleri qed tidher f'din il-kawza in kwantu uzufrutwarja superstiti ta' zewgha Nazzareno Camilleri li gie nieqes skond certifikat tal-mewt hawn anness a mmarkat dok. 'C';

Rat ai fini tar-raba' eccezzjoni in-nota tal-atturi a fol. 32 tal-process tiddikjara illi 'Peter Paul Camilleri m'huwiex werriet ta' Ursula Camilleri imma gie imharrek in kwantu mizzewweg ma' Maria Camilleri u missier Lilian Gatt u Marie Louise Muscat u kwindi ghal kwalunkwe interess illi ghandu jew jista' jkollu fir-rigward ta' assi appartenenti lill-eredita' ta' Ursula Camilleri li jinsabu fil-pussess tieghu.'

Rat ir-rapport u l-atti sussegwenti tal-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti Ruben Sciortino;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Lulju 2016, l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat illi permezz ta' nota datata 3 ta' Marzu, 2017 l-attrici Carmen Xuereb cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenuti f'isimha biss u dan stante transazzjoni milhuqa bejn l-istess attrici u l-konvenuti datata 12 ta' Frar, 2016 li taghha giet ukoll esebita kopja.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma kif isegwu:

i) Fil-21 ta' April 1997, mietet Ursola Camilleri armla ta' Paul Camilleri;

ii) Il-konjugi Camilleri kienu ghamlu erba' testmenti *unica charta*, li jinsabu: fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 7 ta' Gunju 1975; fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 25 ta' Ottubru 1979; fl-atti tal-Nutar Emmanuele Cefai datat 12 ta' Settembru 1980 u fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 30 ta' Ottubru 1981.

iii) Illi wara li miet Paul Camilleri, Ursola Camilleri ghamlet tmien testmenti ohra, li jinsabu: fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 26 ta' Lulju 1985; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 31 ta' Lulju 1985; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 12 ta' Novembru 1985; fl-atti tan- Nutar Emmanuele Cefai datat 21 ta' Ottubru 1991; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 12 ta' Dicembru 1991; fl- atti tan-Nutar Michael Refalo datat 26 ta' Ottubru 1993; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 2 ta' Settembru 1994; u fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 19 ta' Dicembru 1994;

iv) Fl-ewwel erba' testmenti *unica charta*, minbarra l-fatt li t-testaturi istitwew bhala eredi universali taghhom lis-sitt itfal taghhom, jigifieri lil Anthony, John, Nazzareno u Michael ahwa Camilleri u lil Carmen mizzewga Xuereb u Maria mizzewga Camilleri, thallew ukoll is-segwenti legati: legat lil Maria Camilleri tal-art taht id-dar "Chez Nous", Triq San Gwann, Nadur, li kienet mibnija bi flusha; legat lil Carmen Xuereb tal-art taht id-dar taghha, Triq San Gwann, Nadur; legat lil John u Anthony ta' nofs indiviz ta' tlieta u erbghin (43) tomna tar-raba maghrufa bhala "Tal- Gebel l-Ahmar", fin-Nadur; legat lil John u Anthony tad-dirett dominju perpetwu fuq ir-raba maghrufa bhala "Ta' Troppu" fin-Nadur tal-kejl ta' seba' mija tnejn u ghoxrin (722) metri kwadri; legat lil Michael tal-art maghrufa bhala "Ta' Troppu" tal-kejl ta' disa' mija sitta u hamsin (956) metri kwadri u legat lil Nazzarenu ta' bicca art mill-art maghrufa bhala "Ta' Troppu" tal-kejl ta' seba' mija u erbgha (704) metri kwadri.

v) Fit-testmenti li gew maghmula minn Ursola Camilleri wara l-mewt ta' zewgha, thallew is-segwenti legati u prelegati: legat lil Lilian Camilleri, jigifieri t-tifla ta' Maria Camilleri, ta' terz indiviz mid-dar numru tlieta (3), Triq San Gwann, in-Nadur, in kumpens ta' servigi; prelegat lil Maria Camilleri ta' zewg bicciet art mill-art maghrufa bhala "Ta' Troppu" tal-kejl ta' mija sebgha u tmenin (187) metri kwadri u sitta u hamsin (56) metri kwadri rispettivament; prelegat lil Maria Camilleri ta' bicca art mill-art maghrufa bhala "Ta' Troppu" tal-kejl ta' tmenin (80) metri kwadri u bicca raba maghrufa "Ta Dun Vincenz" tal-kejl ta' erba' mija sitta u disghin (496) metri kwadri, bhala kumpens ghas-servigi; prelegat lil Lilian Camilleri tal-mandra tal-kejl ta' mitejn tnejn u sittin (262) metri

kwadri li qieghda fuq in- naha ta' wara ta' 3, Triq San Gwann, in-Nadur; prelegat lil Maria Camilleri tal-beni immobbli kollha li Ursola Camilleri wirtet minn ohtha Paola xebba Vella; u prelegat lil Mary Louise u Lilian, it-tfal ta' Maria Camilleri, ta' bicca raba maghrufa bhala "Taz-Zebbuga", Triq San Blas, in-Nadur.

vi) Minn dawn it-testmenti jirrizulta wkoll li permezz tat- testment datat 2 ta' Settembru 1994, filwaqt li kkonfermat it-testmenti kollha taghha, Ursola Camilleri ma kkonfermatx dak tat-12 ta' Settembru 1980, u li ghalhekk il-legat li kien thalla lil Nazzareno Camilleri kien revokat. Jirrizulta wkoll li permezz tat-testment taghha datat 19 ta' Dicembru 1994, it-testatrici rrevokat il-prelegat li kien inghata lil Carmena mizzewga Xuereb fit-testment datat 26 ta' Lulju 1985.

vii) Fis-6 ta' Mejju 1997 giet intavolata mill-atturi odjerni jew l-aventi causa taghhom kawza bin-numru 92/1997 fl-ismijiet *Anthony Camilleri pro et noe et vs Lilian Gatt et* li giet finalment deciza b'sentenza tad-19 ta' April 2012 moghtija mill-Qorti tal-Appell li permezz taghha giet imhassra l-kirja li d-decujus kienet ghamlet tal-fond numru 3, Triq San Gwann, Nadur a favur Lilian Gatt u zewgha in kwantu gie dikjarat li ma saritx taht kundizzjonijiet gusti. Dik l-istess Qorti izda ma ordnatx l-izgumbrament tal-konjugi Gatt mill-proprjeta' stante l-fatt li Lilian Gatt kienet ukoll ko-propjetarja tal-fond in kwistjoni. Sal-lum jirrizulta li Lilian Gatt ghadha tirrisjedi f'dan il-fond filwaqt li l-atturi ko-proprjetarji ma nghatawx cwievet tal-istess;

viii) Fit-23 ta' April 1998, saret il-*causa mortis* fl-Atti tan- Nutar Michael Refalo. Din id-denunzja saret biss minn Maria mizzewga Camilleri u

mit-tfal taghha Lilian u Marie-Louise.

ix) Anthony Camilleri, John Camilleri, Nazzareno Camilleri, Michael Camilleri u Carmen mizzewga Xuereb, ipprezentaw mandat ta' inibizzjoni numru 338/1997, kontra Maria mizzewga lil Peter Paul Camilleri, l-istess Peter Paul Camilleri, Lilian mart George Gatt u Mary Louise mart Raymond Muscat, sabiex fil-mori tal-kawza bin-numru 136/1997, il-beni legati li gew imhollija lill-konvenuti ma jaqghux f'idejn terzi.

x) In segwitu tal-mandat, giet istitwita l-kawza bin-numru 135/97 nhar l-10 ta' Lulju, 1997 f'isem l-atturi odjerni jew l-aventi causa taghhom fejn permezz taghha kkontestaw il-validita` tat-testmenti li Ursola Camilleri ghamlet wara li miet zewgha, u talbu dikjarazzjoni li dawn it-testmenti huma nulli u bla effett ghaliex sostnew li *".......... ma jirraprezentawx il-volonta` tat-testatrici l-ghaliex kienu frott ta' ingann u ta' pressjoni ezercitata mill-konvenuti li mpediet lit-testatrici mix-xewqa u mill-volonta` libera taghha aktar u aktar meta l-poteri mentali taghha kienu resi indeboliti mill-eta' avvanzata tat-testatrici u mill-pilloli narkotici u medicinali ohra li kienu jigu somministrati lilha minhabba l-mard kroniku li kienet tbaghti minnu".* Fin-nuqqas talbu dikjarazzjoni fis-sens li l-legati li ghamlet permezz ta' l-imsemmija testment jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi Ursola Camilleri, sabiex jigi stabbilit is-sehem li setghet tiddisponi minnu d-decujus u sabiex il-legati jigu mnaqqsa sa dak is-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici.

xi) Fil-mori ta' dik il-kawza sar verbal bejn il-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007 li jaqra kif isegwi:

‘hemm qbil bejn il-partijiet li matul din is-sena l-atturi kollha rrinunzjaw ghall-eredita` ta’ Ursola Camilleri” filwaqt li min-noti ta’ rinunzji jirrizulta li l-atturi zammew ferm id-dritt taghhom ghal-legittima.

Fil-mori tal-istess kawza l-atturi rrinunzjaw ghat-talbiet relatati mal-validita’ tat-tesmenti ta’ Ursola Camilleri izda nsistew fuq il-bqija tat-talbiet.

xii) Nhar it-23 ta’ Settembru, 2009 gew decizi l-bqija tat-talbiet mill-Qorti tal-Appell fil-kawza bin-numru 135/97 kif isegwi:

‘5. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta rriteniet li *“id-domandi ghat-tnaqqis tal-legati li ghamlet it-testatrici permezz tat-testmenti li saru wara l-mewt ta’ zewgha, ghandhom implicitu fihom it-talba sabiex tohrog il-likwidazzjoni tal-legittima.”* L-appellanti jghidu li ghalkemm it-talbiet attrici jikkostitwixxu l-*azione di riduzione*, huma ma kkostitwewx l-*azione di restituzione*. Ghalhekk la darba din it-talba ghal likwidazzjoni tal-legittima ma saritx fit-terminu preskritt mill-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili, u lanqas ma giet specifikatament mitluba fl-att promotur tal-kawza, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi li t-talba ghal-likwidazzjoni hija implicita fit-talba ghar-riduzzjoni. Meta wiehed jara t-talbiet li saru mill-atturi appellati, it-tieni talba taghhom hija sabiex jigi ddikjarat li l-legati li kienu mhollija favur il-konvenuti jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi it-testatrici u sussegwentement talbu li l-legati u l-laxxiti li saru favur il-konvenuti jitnaqqsu sa dak is-sehem li setghet tiddisponi minnu it-testatrici.

Ghalhekk dak li ghandha tara din il-Qorti huwa jekk b'din it-talba l-atturi appellati kienux fil-fatt qieghdin jitolbu s-sehem rizervat ghalihom jew le. Sabiex tigi kkonsiderata din il-kwistjoni, din il-Qorti se tirreferi ghal xi principji li japplikaw ghall-kwistjoni in dizamina.

Qabel xejn sabiex tkun tista' tintalab il-likwidazzjoni ta' wirt, jehtieg li l-attur ikun werriet jew tal-anqas legittimarju. Ghalhekk min ma jkunx ghadu ddelibera jekk accettax l-eredita` jew ma accettahiex, u minflok jiehu l-legittima, ma jistax jippromwovi kawza ghal-likwidazzjoni tal-wirt, ghaliex f'din is-sitwazzjoni ta' incertezza ma' jistax jigi kkonsiderat la bhala werriet u lanqas bhala legittimarju (ara f'dan is-sens dak li korrettement gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Mary Ellul v. Joseph Coleiro et**, deciza fis-6 ta' April, 1959).

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-legittimarju, imbaghad, dan ma jistax jippromwovi kawza u jitlob ghal-legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt b'mod espress, kif jiddisponi l-Artikolu 860 tal-Kodici Civili.

Minbarra dan kollu, meta d-*decujus* fl-ghoti tal-legati jeccedi l-kwota disponibbli, il-werrieta jistghu jissalvagwardaw il-posizzjoni taghhom billi jirrinunzjaw ghall-wirt bir-rizerva tad-dritt tal-legittima u jaghmlu talba fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni sabiex kull sehem minn dak il-legat li jeccedi l-parti disponibbli mit-testatur ai termini ta' l-Artikolu 614 tal-Kodici Civili, jigi mnaqqas sabiex tigi salvagwardata l-legittima (ara f'dan is-sens dak li gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- kawza **Teresa Borg v. Carmelo Borg** deciza fit-2 ta' Ottubru 2002).

Fl-ahharnett, meta ssir il-komputazzjoni tal-legittima hemm zewg stadji.

L-ewwel stadju li fih tigi determinata l-lezjoni tal-porzjon u t-tieni stadju meta ssir l-likwidazzjoni.

6. F'dan l-appell, l-atturi appellati kienu originarjament talbu sabiex id-disposizzjonijiet testamentarji tad-*decujus* Ursola Camilleri jigu ddikjarati mill-ewwel Qorti bhala nulli u bla effett u in mankanza ta' din it-talba kienu talbu sabiex dik il-Qorti tiddikjara li l-legati li gew imhollija mid-*decujus* favur il-konvenuti appellanti kienu jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici u sussegwentement l-ewwel Qorti kellha tnaqqas is-sehem li minnu setghet tiddisponi id-*decujus*.

Ghalhekk jidher bic-car mill-ewwel talba tal-atturi appellati li f'dak iz-zmien meta kienet infethet din il-kawza, jigifieri fl-10 ta' Lulju 1997, huma kienu qeghdin effettivament jaccettaw l-eredita`, proprju ghaliex kienu qeghdin jippromwovu kawza bhala werrieta.

Issa dak li gara f'din il-kawza huwa li sussegwentement din l-ewwel talba giet ceduta mill-atturi appellati permezz ta' nota fit-2 ta' Gunju 2006, li qeghda a fol. 162 tal- process. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha mbaghad tiehu in konsiderazzjoni t-tieni talba tal-atturi appellati jigifieri fejn dawn talbu li jigi ddikjarat li l-legati li gew imhollija mid-*decujus* kienu jaqbzu s-sehem rizervat. Din il-Qorti hija tal-fehma li anke sa dan il-mument l-atturi appellati kienu ghadhom meqjusin bhala werrieta. Izda gara li fil-25 ta' April 2007, il-konvenuti appellanti pprezentaw rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn, filwaqt li rriferew l-ewwel Qorti ghal nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghhom tat-28 ta' Settembru 2000, a fol. 99 tal-process, talbu lill-Qorti sabiex tillimita s-smiegh tal-kawza ghat-

tieni eccezzjoni taghhom, ossia li t-talba tal-atturi ghal-legittima ma tistax tigi akkolta ghaliex l-atturi ma kienux rrinunzjaw ghal eredita` tad-*decujus*.

Kien biss f'dan il-mument li l-atturi appellati permezz ta' nota pprezentaw in-noti guramentati taghhom ta' rinunzja. Ghalhekk irrizulta li fit-22 ta' Jannar 2007, ara fol. 182 sa fol. 191 tal-process, Michael Camilleri, Agnese Camilleri u uliedha Nathalie Hili, David Camilleri u Kevin Camilleri, Anthony Camilleri, u John Camilleri kollha rrinunzjaw ghall-wirt ta' Ursola Camilleri u zammew ferm id-dritt taghhom ghal-legittima. Anke l-attrici Carmena Xuereb u Richard Xuereb irrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus* permezz ta' nota pprezentata fit-23 ta' Jannar, 2007.

7. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li meta l-atturi appellati ppromwovew din l-azzjoni ma kienux qeghdin jitolbu il-legittima u dan evidentement minhabba l-fatt li ma kienux ghadhom rrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus*. U kif diga` nghad aktar 'il fuq, qabel ma tista' ssir din it-talba trid issir ir-rinunzja.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti li id-domandi ghat-tnaqqis tal-legati *"ghandhom implicitu fihom talba sabiex tohrog il- likwidazzjoni tal-legittima"*. L-atturi appellati misshom fl-ewwel lok irrinunzjaw ghall-eredita` biex imbaghad setghu jaghmlu t-talba taghhom ghal-legittima, liema talba din il-Qorti tinnota li qatt ma saret formalment mill-atturi appellati.

8. Minbarra dan kollu, fl-ewwel aggravju taghhom il-konvenuti appellanti jsostnu wkoll li tali talba ghal-legittima kellha ssir fit-terminu

indikat mill-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li sabiex ssir talba fejn qed jintalab il-wirt, legat jew is-sehem rizervat, tali talba ghandha ssir fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Issa t-talba li ghamlu l-atturi appellati kienet sabiex id-disposizjonijiet testamentarji jitnaqqsu sas-sehem tad-*decujus*, u ghalhekk japplika l-Artikolu 647 tal-Kodici Civili, li bih anke din it-talba ghandha ssir fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Stante li d-*decujus* Ursola Camilleri mietet fil-21 ta' April, 1997 u din il-kawza infethet fil-10 ta' Lulju, 1997, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-talba tal-atturi ghat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji, din it-talba saret *entro termine* ghaliex saret fi zmien tlett xhur mill-mewt tad-*decujus*.

Jinghad ukoll illi li kieku l-atturi appellati talbu formalment il-legittima wara li kienu rrinunzjaw ghal wirt, din it-talba kienet tkun ukoll *entro termine* ghaliex la r-rinunzja saret fit-22 ta' Jannar 2007, ma kienux ghad ghaddew dawk il-ghaxar snin, ai termini tal-Artikolu 845(1), mill-ftuh tas-successjoni. Izda dan huwa ezercizzju purament akkademiku, stante illi l-pozizzjoni guridika prezenti tal-atturi appellati vis-à-vis l-konvenuti appellanti hija wahda bla ebda bazi legali. Fir-realta` l-indecizjoni lampanti u ta' bdil minn pozizzjoni ghal ohra da parti tal-atturi appellati jirrizultaw li kienu fatali ghan-naha attrici. Deher evidenti illi l-ewwel Qorti ppruvat tissana l-indecizjoni tal-atturi bl-espedjent legali tal-ekwipollenza pero` din il-Qorti ma tarax gustifikazzjoni legali ghall-applikazzjoni tal-ekwipollenza fil-kaz in ezami.

9. Ghalhekk din il-Qorti tirritjeni li l-atturi meta fethu din il-kawza, stante li lanqas kienu rrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus*, ma kienux

qeghdin jitolbu wkoll implicitament il-legittima spettanti lilhom. Wara kollox, dan gie anke ammess mill-atturi stess, kif tajjeb irrilevaw l-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell taghhom – li b'din il-kawza ma kienux qeghdin jitolbu ghal-legittima. Fin-nota ta' sottomissjoni taghhom a fol. 120 tal-process, l-atturi appellati espressament jghidu:

"Illi l-esponenti b'din il-kawza mhumiex qeghdin jitolbu l-legittima skond il-ligi mill-wirt ta' ommhom u lanqas ghadhom iddikjaraw jekk humiex qeghdin jaccettaw l- eredita` tal-mejta u qeghdin ihallu din il-kwistjoni impregudikata sakemm tigi deciza definittivament din il-kawza u mbaghad ikunu f'posizzjoni ahjar dwar jekk jaccettawx l-eredita jew li jirrinunzjaw ghaliha u jitolbu l- legittima skond il-ligi u dan permezz ta' kawza separata u distinta mill-proceduri odjerni."

Illi ghalhekk *ex admissis* l-appellati qeghdin jiddikjaraw li qatt ma' talbu ghal-legittima u jekk fil-fatt jirrinunzjaw ghall-eredita` u jitolbu l-legittima, ghandha ssir kawza separata.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti qieghed jigi milqugh.

10. Minhabba l-fatt li din il-Qorti sejra tilqa' dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti ma hemmx bzonn li tkompli tikkonsidra l-bqija tal-appell.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti appellanti u ghalhekk thassar u tirrevoka s- sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-23 ta' Mejju 2008, billi tichad it-talbiet attrici u tilqa' t-tieni eccezzjoni

ulterjuri tal-konvenuti appellanti li stante li l-atturi appellati filwaqt li matul il-mori tal-kawza rrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus*, qatt ma fformalizzaw it-talba ghal-legittima.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-atturi appellati.'

Konsegwentement ghal din id-decizjoni l-istess kawza regghet issejhet quddiem il-Magistrat Anthony Ellul stante li kienet qed tistenna l-ezitu mill-appell tas-sentenza parzjali nhar l-10 ta' Novembru, 2009 u gie vverbalizzat kif isegwi:

'In vista tas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Settembru 2009 u li permezz taghha gew michuda t-talbiet ta' l-atturi.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u tordna li tithassar minn fuq il-lista tal-kawzi ghas-smiegh.'

xiii) Wara dak kollu suespost giet intavolata l-kawza odjerna nhar it-22 ta' Lulju, 2010 fejn l-istess atturi talbu li din il-Qorti tillikwida s-sehem rizervat spettanti lill-atturi rispettivament mill-eredita' ta' Ursola Camilleri u sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-sehem rizervat hekk likwidat.

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:**

Illi s-seba' eccezzjoni tal-konvenuti taqra kif isegwi:

'Bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici llum hija perenta bit-terminu stabbilit fl-artikli 647 u 845 tal-Kap. 16 u dana kif stabbilit mis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Appell.'

Illi stante li s-success o meno ta' din l-eccezzjoni jistultifika jew le l-mertu kollu tal-kawza odjerna, l-Qorti ser titratta din l-eccezzjoni l-ewwel fid-decizjoni taghha.

Illi dwar din l-eccezzjoni, l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jissottomettu kif isegwi:

*'Illi l-Artikolu 647 tal-Kap.16 jghid hekk:*

*'Id-disposizzjonijiet ta' testment, meta jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, ghandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, izda dan kemm-il darba t-talba tiġi maghmula fiz-zmien imsemmi fl-artikolu 845.'*

*Illi l-Artikolu 845 tal-Kap.16 jghid hekk:*

*'(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem rizervat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni.*

*(2) Izda, ghall-minuri, jew ghall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiccax hlief eghluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispicca, kif ikun il-kaz.'*

*Illi qabel xejn trid tigi kkonstatata n-natura tat-terminu stabbilit fl-Artikolu 845 tal-Kap.16. L-intimati jidher li qed jirritjenu li dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza u li bejn l-1997 (data meta mietet Ursula Camilleri) u l-2000 (data li fiha nfethet il-prezenti kawza) ghaddew iktar minn ghaxar snin u ghalhekk, skond l-intimati, l-azzjoni hija perenta;*

*Illi l-esponenti bl-akbar rispett ma jaqblux ma' dan l-argument u f'dan isibu l-konfort ta' gurisprudenza assodata illi tistabilixxi li t-terminu msemmi fl-Artikolu 845 tal-Kap.16 huwa wiehed ta' preskrizzjoni akkwizittiva, u mhux ta' dekadenza. Gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani illi dan it-terminu jopera mhux kontra min jaghmel l-azzjoni bhala terminu*

*ta' dekadenza li kif jghaddi jxejjen darba ghal dejjem l-azzjoni, izda huwa terminu li jista' jghaddi a favur tal-persuna li kontra taghha l-azzjoni tkun saret jekk kemm-il darba din tal-ahhar tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-preskrizzjoni akkwizittiva;*

*Illi f'dan is-sens l-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Angela Magro et vs Angelo Magro et (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2012) – li rreferiet ukoll ghal Degabriele vs Attard et (deciza fis-26/06/2005 mill-Qorti tal-Appell) – fejn il-Qorti spjegat in-natura ta' dan l-artikolu b'dan il-mod:*

*'Illi z-zmien mahsub fl-Artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin, ikun zamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;*

*Illi, madanakollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dan l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taht ezami;*

*Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva taht l-Artikolu 2140 tal-istess Kodici) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih tal-haga mitluba daqslikieku kienet tieghu (animo domini) ghaz-zmien kollu preskrittiv. Jehtieg jintwera wkoll li, ghal tul dak iz-zmien kollu, min ikun zamm f'idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk b'bona fidi. Minhabba li l-bona fidi hija prezunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bhal dik.'*

*Illi hekk ukoll fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet John Ellul vs Maria Parnis et (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Jannar 2014) insibu dan l-insenjament:*

*'Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet* ***Edith Galea et vs Joseph Degiorgio et*** *(Citazz. Nru. 1758/01FS) deciza fit-18 ta' Mejju 2005 kienet irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, fejn inghad illi:*

*Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petitio hereditatis" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva…*

*Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kawzali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-propjeta', konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess 'di diritto'…*

*Il-pussess tal-usurpatur irid ikun ghalhekk kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li trid il-ligi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b'mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.'*

*Illi fl-istess sens giet deciza s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Christina Olympia Scerri et vs Theresa Zahra et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 2011, u l-esponenti jaghmlu pjena referenza ghall-insenjament hemm kontenut;*

*Illi jirrizulta ben evidenti li l-intimati ma sehhilhomx jezercitaw pussess bil-kwalitajiet li trid il-ligi fuq il-propjeta' formanti parti mill-eredita' ta' Ursola Camilleri, u naqsu li jaghmlu prova ta' tali pussess, liema prova kienet tinkombi fuqhom galadarba kienu huma li qajmu l-eccezzjoni;*

*Illi jigi rilevat ukoll illi d-decujus giet nieqsa fil-21 ta' April 1997 u l-intimati kwazi immedjatament gew riskontrati bi pretensjonijiet min-naha tal-esponenti stante illi l-kawza numru 135/1997 giet intavolata ftit xhur biss wara l-mewt ta' Ursola Camilleri u diga' kien*

*intalab it-tnaqqis tal-legati f'dik il-kawza. Imbaghad f'Jannar 2007, u cioe' qabel iddekorrew ghaxar snin mill-mewt ta' Ursola Camilleri, l-esponenti rrinunzjaw formalment ghall-wirt taghha salv id-dritt taghhom ghal-legittima, u giet imbaghad istitwita din il-kawza. B'hekk certament li l-intimati ma setghu qatt gawdew pussess animo domini fuq il-hwejjeg tal-wirt b'mod kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, u ghalhekk ma sehhilhomx jinvokaw b'success it-terminu msemmi fl-Artikolu 845 tal-Kodici Civili.'*

Illi ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-atturi izda l-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom ma jinsistux li l-perjodu ta' ghaxar snin li jemani mill-artikoli 647 u 845 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed ta' dekadenza anzi jaqblu mal-atturi li huwa perijodu ta' preskrizzjoni akwizittiva. Il-konvenuti wkoll fis-sottomissjonijiet finali taghhom jidhlu fid-dettal fil-gurisprudenza kif isegwi:

*'Illi l-atturi qed isostnu fin-nota taghhom illi dina l-eccezzjoni m'ghandhiex tintlaqa' ghaliex it-terminu ta' ghaxar snin m'hux terminu ta' dekadenza imma wiehed ta' preskrizzjoni illi ghalih japplikaw il-kundizzjonijiet tal-preskrizzjoni akkwittiva u qed jiccitaw gurisprudenza estensiva fl-ismijiet "Magro vs Magro", deciza mill-Prim'Awla fit-2 t'Ottubru 2012:*

*'Eccezzjoni li l-azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess hi perenta ghax ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-appertura tas-successjoni tal-mejjet Emanuel Magro a bazi tal-artikolu 845(1) tal-Kap. 16.*

*Hu minnu illi Emanuel Magro miet fl-1995 u l-kawza saret fl-2012.*

*Il-Qorti fil-kawza Degabriele vs Attard et deciza 26/06/2005 qalet hekk:*

*Illi dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici waqghet bil-preskrizzjoni, jinghad li din tinbena fuq dak li jghid l-artikolu 845 tal-Kodici Civili. F'dak l-artikolu l-ligi taghti lil kull min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew legittima (petitio hereditatis) ghaxar snin zmien mill-ftuh tal-wirt biex jaghmel dan. Fejn min ikollu jedd ghal azzjoni bhal dik ikun taht l-eta', iz-zmien ta' ghaxar snin jibda jghodd minn meta tali persuna tilhaq l-eta';*

*Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li l-attrici qeghda tmexxi kontra l-imharrkin hija azzjoni li taqa' sewwasew fis-sejha ta' petitio hereditatis;*

*Illi z-zmien mahsub fl-artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin, ikun zamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;*

*Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taht ezami;*

*Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-artikolu 845 tal-Kodici Civili (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva taht l-artikolu 2140 tal-istess Kodici) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih ta' l-haga mitluba daqslikieku kienet tieghu (animo domini) ghaz-zmien kollu preskrittiv. Jehtieg jintwera wkoll li, ghal tul dak iz-zmien kollu, min ikun zamm f'idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk b'bona fidi. Minhabba li l-bona fidi hija prezunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bhal dik; F'dan il-kaz ma ngiebet ebda prova li l-konvenut Angelo Magro kellu f'idejh il-pussess tal-legat bil-mod kif spejgat is-sentenza precitata u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.*

*Illi f'sentenza ohra tal-Prim'Awla tas-26 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet "Degabriele vs Attard et" intqal dan li gej:*

*Illi dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici waqghet bil-preskrizzjoni, jinghad li din tinbena fuq dak li jghid l-artikolu 845 tal-Kodici Ċivili. F'dak l-artikolu l-ligi taghti lil kull min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew legittima (petitio hereditatis) ghaxar snin zmien mill-ftuh tal-wirt biex jaghmel dan. Fejn min ikollu jedd ghal azzjoni bhal dik ikun taht l-eta', iż-żmien ta' ghaxar snin jibda jghodd minn meta tali persuna tilhaq l-eta';*

*Illi huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda gid li gej minn wirt taqa' taht iz-zmien*

*preskrittiv tal-artikolu 845. Wiehed irid jaghraf bejn azzjoni ghas-sehem fil-wirt (petitio hereditatis) u azzjoni dwar gid li kien jaghmel minn wirt, bhal fil-kaz ta' azzjoni ghall-qasma ta' gid komuni mnissel minn wirt. L-istess jinghad dwar xi ghamla ta' azzjoni li timmira ghal xi aspett partikolari tal-process tal-likwidazzjoni jew tmexxija ta' gid f'wirt;*

*Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li l-attrici qieghdha tmexxi kontra l-imharrkin hija azzjoni li taqa' sewwasew fis-sejha ta' petitio hereditatis;*

*Illi z-zmien mahsub fl-artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaż-zmien ta' ghaxar snin, ikun żamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;*

*Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu tat eżami;*

*Illi, minbarra dan, irid jinghad ukoll li filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-uzufruttwarju huwa legatarju, it-talba ta' uzufruttwarju biex jithallas il-frottijiet li jitnisslu mill-hwejjeġ tal-wirt milquta bil-legat tieghu ma tistax titqies bhala talba ghat-tqeghid fil-pussess tal-legat, liema pussess huwa implicitu fit-talba nnifisha ghall-hlas tal-imsemmija frottijiet;*

*Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-artikolu 845 tal-Kodici Ċivili (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva taht l-artikolu 2140 tal-istess Kodici) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih ta' l-haġa mitluba daqslikieku kienet tieghu (animo domini) ghaz-zmien kollu preskrittiv. Jehtieg jintwera wkoll li, ghal tul dak iz-zmien kollu, min ikun zamm f'idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk b'bona fidi. Minhabba li l-bona fidi hija preżunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bhal dik;*

*Illi l-bona fidi tirrapprezènta stat ta' hsieb affermattiv fil-pussessur, li tirrifletti l-fehma u l-konvinzjoni intima tieghu li l-haġa li ghandu f'idejh hija tieghu tabilhaqq. Min-naha l-ohra,*

*jkun fi stat ta' mala fidi min ikun f'qaghda li jaf, jew imissu mic-cirkostanzi jahseb, li l-haga li ghandu f'idejh tkun ta' haddiehor. Imqar jekk il-pussessur ikollu xi dubju dwar iz-zamma tal-haga, dan ikun bizzejjed biex idennes il-pussess tieghu u jnehhi minnu l-bona fidi. Il-bona fidi li trid il-ligi trid tkopri t-totalita' tal-haga mizmuma mill-pussessur;*

*Illi dan l-insenjament jirrifletti dak mghallem f'sentenzi precedenti u li gew ukoll citati bhal "Briffa et vs Scicluna et" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1954 u "Borg et vs Giuseppe Zammit" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 1955.*

*Illi tenut kont dan l-insenjament, il-konvenuta Marija Camilleri, bhala eredi illi accettat il-wirt tal-mejta, taqa' fl-estremi tal-ligi sabiex teccepixxi dina l-eccezzjoni ghaliex zammet il-pussess tal-beni li wirtet bhala taghha inekwivokament (animo domini) u in buona fede. Kif tghallem il-gurisprudenza, min jallega l-mala fede, irid jipprovaha u l-atturi ma gabu l-ebda prova fir-rigward.*

*Illi tajjeb illi wiehed izomm f'mohhu ukoll il-kuntest ta' dawn is-sentenzi illi huma ferm differenti minn dik odjerna. Sfortunatament, tigri t-tendenza illi gurisprudenza tigi applikata minn kawza ghall-ohra minghajr ma tittiehed debita kunsiderazzjoni tal-fattispecje tal-kazi individwali. Barra minn hekk, applikazzjoni rigida ta' gurisprudenza anterjuri taghti lok ghal nuqqas ta' evoluzzjoni fil-gurisprudenza taghna bhalma jigri f'gurisprudenzi ohra.*

*Fi "Briffa vs Scicluna", l-atturi talbu dikjarazzjoni illi Fortunato Sammut ma kkonsegwiex xi legati mhollija lilu mill-konjugi Scicluna u ghalhekk, sostnew illi kien ddekada minnhom u ghalhekk, talbu illi tigi ddikjarata tali dekadenza sabiex tkun tista' tigi likwidata l-eredità tal-konjugi Scicluna. Illi gie ritenut illi l-atturi ma ppruvawx illi kienu zammew il-legati in kwistjoni fil-pussess taghhom ghat-terminu preskritt mil-ligi.*

*Illi f'"Borg vs Zammit", gie ritenut illi l-konvenut li eccepixxa l-preskrizzjoni decennali ma setghax kien in buona fede meta ddeskriva ruhu f'dokument formali bhala "co-owner and administrator". Il-Qorti anke rriteniet illi meta l-konvenut talab xi dokumenti lill-attur biex jarahom il-legali tieghu kienet rinunzja tacita ghal kwalunkwe preskrizzjoni li setghet kien hemm favur tieghu.*

*Illi kemm "Magro vs Magro" kif ukoll "Degabriele vs Attard et" kienu jittrattaw immissjoni fil-pussess ta' legat meta huwa maghruf illi mal-ftuh tas-successjoni, il-legat isir tal-legatarju*

*imma jkun irid jitlob il-pussess tieghu minghand l-eredi. Huwa evidenti f'tali cirkostanza illi l-eredi illi jeccepixxi l-preskrizzjoni jrid jipprova illi zamm l-oggett tal-legat fil-pussess tieghu animo domini ghall-perjodu mehtieg mil-ligi.*

*Ghaldaqstant il-kuntest huwa totalment differenti minn dak odjern fejn l-atturi ma wrew l-ebda att ta' rinunzja tacita jew altrimenti tal-preskrizzjoni u fejn il-konvenuta Marija Camilleri dejjem zammet il-propjetà formanti l-eredità bhala taghha animo domini. U l-atturi l-anqas ma wrew illi l-istess konvenuta b'xi mod kienet in mala fede.*

*Illi tajjeb illi wiehed jhares ukoll ftit lejn il-gurisprudenza Taljana l-aktar ricenti fir-rigward : Illi Galgano jghid fir-rigward :*

*La lesione dei diritti dei legittimari non influisce sulla validità del testamento: questo è, in se, perfettamente valido, e troverà piena attuazione se i legittimari rinunciano al loro diritto o se non lo faranno valere, con l'azione di riduzione, nel termine della ordinaria prescrizione decennale, che decorre dalla data di accettazione dell'eredità da parte del chiamato in base alle disposizioni testamentarie lesive ; non, come si è in passato ritenuto, dall'apertura della successione, anche se si è talvolta ritenuto più coerente con l'art. 2935 farla decorrere dalla pubblicazione del testamento, questo essendo l'atto lesivo del diritto del legittimario.*

*Interessanti ferm huwa l-kumment tal-Gazzoni fir-rigward :*

*5. Segue: riduzione e restituzione. Con l'azione di riduzione (diversa e non implicita in quella di divisione [ C. 07-1408]), poichè la disposizione lesiva non è nulla, ma solo inefficace [ C. 02-11286, cit.], il legittimario non contesta il diritto di proprietà del beneficiario, né la legittimità del titolo del suo diritto, che anzi egli presuppone, e quindi non rivendica lo specifico bene aggredito, ma intende far valere sul suo valore le proprie ragioni successorie [ C. 01-/4130, GC 01, I, 2390].*

*L'azione ha dunque carattere non già reale, ma personale anche se non obbligatorio, perché non è diretta ad ottenere l'adempimento di un'obbligazione [erra C. 01/4130, cit.], cosicché si prescrive bensì in dieci anni [ C. 97/11809], ma il decorso della prescrizione non può interrompersi con una messa in mora [ C. 96/7259].*

*Ghaldaqstant, ghalkemm it-terminu tal-preskrizzjoni sabiex issir it-talba tar-riduzzjoni tal-*

*legati u d-donazzjonijiet lesivi fl-Italja trid issir issir fi zmien ghaxar snin, skond is-sentenza tal-Cassazione iccitata mill-Gazzoni, id-dekors ta' dina l-preskrizzjoni ma jistax jigi interott u post in mora. Indubbjament, tali preskrizzjoni tista' tigi rinunzjata tacitament jew altrimenti kif irriteniet il-Qorti tal-Appell taghna f'"Borg vs Zammit" u dana li jikkontradistingwi dina l-preskrizzjoni mid-dekadenza pura u semplici. Imma galadarba l-konvenuti ma rrinunzjawx ghaliha, hija ammissibli.*

*Illi kunsiderazzjoni finali fir-rigward hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Settembru 2009 fl-istess ismijiet fejn fit-tmien paragrafu taghha, intqal :*

*Stante li d-decujus Ursola Camilleri mietet fil-21 ta' April 1997 u din il-kawza infethet fil-10 ta' Lulju 1997, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-talba tal-atturi ghat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji, din it-talba saret entro termine ghaliex saret fi zmien tlett xhur mill-mewt tad-decujus. Jinghad ukoll illi li kieku l-atturi appellati talbu formalment il-legittima wara li kienu rrinunzjaw ghal wirt, din it-talba kienet tkun ukoll entro termine ghaliex la r-rinunzja saret fit-22 ta' Jannar 2007, ma kienux ghad ghaddew dawk il-ghaxar snin, ai termini tal-Artikolu 845(1), mill-ftuh tas-successjoni. Izda dan huwa ezercizzju purament akkademiku,*

*Jekk il-Qorti tal-Appell irriteniet fit-23 ta' Settembur 2009 illi talba tal-atturi tal-legittima kienet ser tkun fuori termine, kif tali talba mill-istess atturi, konfezjonata bhala talba ghas-sehem riservat, illum m'hijiex fuori termine? Ghaldaqstant, dina l-eccezzjoni ghandha tigi accettata ghax hu evidenti illi t-talba attrici hija fuori termine u illi jezistu l-estremi legali biex il-preskrizzjoni invokata tigi milqugha stante ukoll li qatt ma giet rinunzjata.'*

Illi dik il-parti tad-decizjoni tal-appell li ghaliha ssir referenza diretta mill-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni, ghalkemm gia kwotata aktar il-fuq f'din id-decizjoni, l-Qorti ser terga tirriportaha taht din l-ecccezzjoni stante li tqis li hija ta' mportanza vitali ghall-eccezzjoni tal-konvenuti u fil-fatt din taqra kif isegwi:

'8. Minbarra dan kollu, fl-ewwel aggravju taghhom il-konvenuti appellanti jsostnu wkoll li tali talba ghal-legittima kellha ssir fit-terminu

indikat mill-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li sabiex ssir talba fejn qed jintalab il-wirt, legat jew is-sehem rizervat, tali talba ghandha ssir fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Issa t-talba li ghamlu l-atturi appellati kienet sabiex id-disposizzjonijiet testamentarji jitnaqqsu sas-sehem tad-*decujus*, u ghalhekk japplika l-Artikolu 647 tal-Kodici Civili, li bih anke din it-talba ghandha ssir fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Stante li d-*decujus* Ursola Camilleri mietet fil-21 ta' April, 1997 u din il-kawza infethet fil-10 ta' Lulju, 1997, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-talba tal-atturi ghat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji, din it-talba saret *entro termine* ghaliex saret fi zmien tlett xhur mill-mewt tad-*decujus*.

**Jinghad ukoll illi li kieku l-atturi appellati talbu formalment il-legittima wara li kienu rrinunzjaw ghal wirt, din it-talba kienet tkun ukoll *entro termine* ghaliex la r-rinunzja saret fit-22 ta' Jannar, 2007, ma kienux ghad ghaddew dawk il-ghaxar snin, ai termini tal-Artikolu 845(1), mill-ftuh tas-successjoni. Izda dan huwa ezercizzju purament akkademiku, stante illi l-posizzjoni guridika prezenti tal-atturi appellati vis-à-vis l-konvenuti appellanti hija wahda bla ebda bazi legali. Fir-realta` l-indecizjoni lampanti u ta' bdil minn pozizzjoni ghal ohra da parti tal-atturi appellati jirrizultaw li kienu fatali ghan-naha attrici. Deher evidenti illi l-ewwel Qorti ppruvat tissana l-indecizjoni tal-atturi bl-espedjent legali tal-ekwipollenza pero` din il-Qorti ma tarax gustifikazzjoni legali ghall-applikazzjoni tal-ekwipollenza fil-kaz in ezami.'** (*emfasi tal-Qorti)*

Illi huwa car minn dak suespot li l-fehema tal-Qorti tal-Appell f'dik id-decizjoni kienet li z-zmien sabiex l-atturi jintavolaw it-talba taghhom

ghall-hlas tal-legittima gia kien preskritt fil-mument li kienet qed tinghata dik id-decizjoni cioe' fit-23 ta' Settembru, 2009. Il-kawza odjerna ghall-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat saret nhar it-22 ta' Lulju, 2010 u cioe' wara d-data ta' dik id-decizjoni. Il-Qorti odjerna qed tigi mitluba li tbiddel id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell u b'xi mod tiddikjara li t-talbiet attrici mhumiex preskritti.

Illi din il-Qorti taqbel maz-zewg partijiet li l-perjodu ta 'ghaxar snin mpost fil-ligi mhux wiehed ta' dekadenza izda ghandu jigi meqjus bhala wiehed ta' preskrizzjoni akwisittiva fejn min ghandu f'idejh il-proprjeta' irid ikun qed jiddetjeni tali proprjeta' bhala sid tal-istess u cioe' daqs li kieku kien tieghu (*animo domini*). Il-gurisprudenza hija cara fejn tirrikjedi li min jeccepixxi l-preskrizzjoni favur tieghu irid ikun qed jiddetjeni l-proprjeta bhala tieghu *in bona fede* izda l-*bona fede* hija prezunta u huwa min jallega l-*mala fede* li jrid jipprova tali allegazzjoni, f'dan il-kaz l-atturi.

Illi mill-atti kollha nkluz dawk annessi lil din il-Qorti jirrizultala li l-konvenuta Maria Camilleri bhala eredi u pre-legatarja u uliedha Lilian Gatt u Mary Louise Muscat ghamlu l-'causa mortis ' relattiva nhar it-23 ta' April, 1998 u dan wara li l-istess Ursula Camilleri giet nieqsa nhar il-21 ta' April, 1997. Il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jista' b'xi mod jevidenzja li miz-zmien tal-mewt ta' Ursula Camilleri, l-konvenuti ma kienux qed jipposjedu l-wirt u l-legati rispettivament bhala taghhom anzi pjuttost ir-risposti taghhom ghall-kawzi li sarulhom mill-atturi jipruvaw il-kontra u cioe' l-pussess taghhom *animo domini* bhala li l-proprjeta' hija taghhom.

Illi in oltre ghalkemm il-konvenuti verament gew notifikati b'zewg kawzi relatati mal-wirt ta' Ursola Camilleri, jirrizulta li:

- kawza minnhom kienet dwar kirja li saret favur Lilian Gatt w'ghaldaqstant certament ma tistax titqies li poggiet lil Lilian Gatt *in mala fede* fir-rigward tal-proprjeta' li hija kienet qed izomm bhala taghha derivanti minn legati.

- il-kawza l-ohra giet dikjarata mill-istess Qorti tal-Appell li ma kinitx tikkontjeni talba ghall-hlas tal-legittima w'ghaldaqstant certament ma tistax titqies li serviet sabiex tpoggi lill-konvenuti *in mala fede* ghal dik li hija detenzjoni tal-proprjeta' tal-wirt bhala taghhom ai fini ta' hlas ta' legittima jew sehem riservat.

- jirrizulta in oltre li l-atturi irrinzunjaw ghall-wirt ta' Ursola Camilleri permezz ta' dikjarazzjonijiet datati 22 ta' Jannar, 2007 u dan kien verament entro t-terminu tal-ghaxar snin. F'dawn id-dikjarazzjonijiet l-atturi zammew ferm it-talba taghhom ghall-hlas tal-legittima. Il-Qorti gharblet sew dawn id-dokumenti a fol. 97 et seq tal-process u fihom ma sabet l-ebda hjiel li dawn gew f'xi mument notifikati lill-konvenuti b'tali mod li wiehed seta' jargumenta li mill-mument tan-notifika l-konvenuti tpoggew *in mala fede.* Rat ukoll l-atti tal-kawza 135/97 minn fejn jirrizulta li jekk hemm xi mument li l-konvenuti jistghu jitqiesu li gew debitament notifikati b'tali rinunzji ghall-eredita u r-riserva ghall-hlas tal-legittima dan kien fil-mument li giet prezentata risposta ghal rikors datata 16 ta' Mejju, 2007 u li maghha kellha annessa kopja tar-rinunzji. Sfortunatament ghall-atturi izda t-terminu ta' ghaxar snin preskrizzjoni kien gia skada fil-21 ta' April, 2007 (ghaxar snin mill-apertura tas-

successjoni).

Illi ghalkemm il-preskrizzjoni huwa istitut odjuz ghaliex justiltifika drittijiet li altrimenti persuni jgawdu, dan izda ma jfissirx li dak li tghid il-ligi ma ghandux jigi esegwit mill-Qrati anki f'cirkustanzi li *prima facie* jistghu jidhru ingusti. Is-sitwazzjoni li jinsabu fiha llum l-atturi ma tahti fuq hadd ghajr l-istess atturi li ghalkemm kienu jafu ben tajjeb bit-terminu ta' ghaxar snin li kien ghaddej kontra taghhom (u dan johrog car mill-affidavit u xhieda tal-attur Anthony Camilleri a fol. 124 et seq u 147 et seq tal-process) dawn tant baqghu jittitubaw u jahsbuha dwar x'verament riedu jaghmlu (filli jagixxu ta' eredi, mbaghad jirrinunzjaw u wara jghidu li l-istess rinunzja mhux valida eccetera eccetera, dak li l-Qorti tal-Appell issejjah bhala 'indecizjoni lampanti'), li naqsu milli jaghmlu l-aktar haga bazika u cioe' li jifthu proceduri ghal-legittima jew sehem riservat entro t-terminu tal-ghaxar snin moghti lilhom fil-ligi, almenu, fil-mument li ghamlu n-noti guramentati ta' rinunzja ghall-wirt u b'hekk kienu jkunu entro t-terminu ghalkemm bl-ezatt. Din il-Qorti ma tistax taghti rimedju ghall-izball tal-atturi a skapitu tad-dritt fil-ligi tal-konvenuti.

Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet kollha suesposti, filwaqt li tiddikjara li taqbel bi shih ma' dak deciz mill-Qorti tal-Appell, tqis li l-konvenuti rnexxielhom jipruvaw sal-grad rikjest mill-ligi is-seba' eccezzjoni taghhom li l-azzjoni attrici hija perenta bit-terminu ta' ghaxar snin stabbilit fl-artikoli 647 u 845 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' s-seba eccezzjoni u tiddikjara t-talbiet attrici preskritti ma hemmx lok li l-Qorti tinoltra ruhha oltre fl-

eccezzjonijiet l-ohra u t-talbiet attrici.

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta w'tiddeciedi l-kawza kif isegwi:**

**(1) tilqa' s-seba' eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-azzjoni attrici hija perenta bit-terminu ta' ghaxar snin stabbilit fl-artikoli 647 u 845 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**(2) konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

(ft.) Joanne Vella Cuschieri

Magistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur